Kunsill Lokali - Ħad-Dingli – Local Council
Ċentru tal-Komunita'
Daħla tas-Sienja, Ħad-Dingli, DGL 1880.
Tel. No. 21456060
E-mail: dingli.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Had-Dingli

## DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 03/ K9/ 2021**

**Data tal-Laqgha: 23 ta' Frar 2021**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli ltaqa' fil-Bini Amministrattiv fil-17.00 ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

Raymond Schembri - Sindku
Sandro Azzopardi - Viċi Sindku
David Vassallo - Kunsillier
Paul Mamo - Kunsillier
Ryan Tanti - Kunsillier

Lexine Farrugia – Ambaxxattrici taz-Zghazagh

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Shawn Tanti – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**3.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.**

3.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apologija.

**3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 27/K9/2020, 28/K9/2020;**

3.2.1 Is-Sindku Raymond Schembri ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 02/K9/2021 **(Dok.1)**

3.2.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

3.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.3.1 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill li twahhlu tabelli godda ma dawk li diga hemm fuq l-irdum.

3.3.2 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li sar qtugh ta' haxix fi triq il-Buskett u Triq it-Turretta.

3.3.3 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li trangaw numru ta' bankini li kellna xi lmenti dwarhom.

3.3.4 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li sar xoghol ta' refreshing tul Triq San Gwann Bosco.

3.3.5 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li l-Kunsill ircieva zewg appelli fuq it-tender tal-Knis u ghaldaqstant ser inkunu qed inwiegbu permezz tal-avukat.

**3.4 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xoghlijiet**

3.4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta id-dokumenti kif gej:

- Memo 07/2021.9 – Petty Cash Feb 2021
- Memo 08/2021.9 – Lista ta' Works Orders
- Memo 09/2021.9 – Lista ta' Bozoz Maqtugha

**3.5**

**Twegibijiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

3.5.1 Il-Kunsillier David Vassallo staqsa rigward il-plakka li twahhlet fi Gnien il-Haddiem. Il-Kunsill hawnhekk iddiskuta sabiex issir linja gwida ta' x'ha naccettaw u fejn se naccettaw dawn it-tip ta talbiet.

3.5.2 Il-Vici Sindku Sandro Azzopardi staqsa rigward mistoqsija li kien ghamel rigward xoghol minn WSC fi Triq Panoramika. Is-Sindku wiegeb li kienet ser issir laqgha ma WSC peres li konna ghadna bla risposta.

**3.6 Adjustment Fund**

3.6.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex il-Kunsill japplika ghal Eur 3000 bhala adjustment Fund li d-DLG kien qed izid mal-allokazzjoni. Din it-talba trid tasal ghand id-Dipartiment sal 31 ta' Marzu 2020.

3.6.2 Il-Vici Sindku Sandro Azzopardi ssekonda.

3.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.7 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements**

3.7.1 Wara l-ispjega tal-accountant, is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex dak diskuss jigi approvat.

3.7.2 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

3.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.8 Approvazzjoni tal-Business Plan 2021-2025**

3.8.1 Wara l-ispjega tal-accountant, is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex dak diskuss jigi approvat.

3.8.2 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

3.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.
.

**3.9** **Slow Street Project**

3.9.1 Dan is-Suggett ser jigi diskuss f'laqgha ohra.

**3.10** **Triq il-Gvernatur William Reid**

3.10.1 Wara li dan il-Kunsill kien iddecieda f'laqgha precidenti li niehdu l-opinnjoni tar-residenti rigward jekk din it-Triq issirx one way jew le, is-Sindku propona sabiex wara d-direzzjoni minn naha tar-residenti napplikaw ma TM sabiex din it-Triq issir One way bi prova ghal-xaghrejn li dhul ghaliha jkun biss minn naha ta' Triq Guze' Ellul Mercer.

3.10.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

3.10.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.11** **Sinjali fi Triq il-Ghabex**

3.11.1 Wara li diversi residenti urew ix-xewqa li jsiru sinjali f'din it-Triq, s-Sindku Raymond Schembri propona sabiex niehdu direzzjoni minghand TM.

3.11.2 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

3.11.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.12** **Dahla fi Triq l-Imnarja**

3.12.1 Resident f'din it-Triq talab sabiex tigi rrangata d-dahla li hemm quddiema bhal ma gara ma ta' faccata tieghu.Ghaldaqstant is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex naraw jekk din hix zona pubblika u jekk iva din titranga

3.12.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

3.12.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.13 Lampa gdida Fi Triq San Pawl tal-Pitkali**

3.13.1 Wara diversi ilmenti rigward nuqqas ta' dawl f'din il-parti tat-Triq, is-Sindku propona sabiex ma l-arblu li diga hemm napplikaw ghal-lampa gdida.

3.13.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

3.13.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.14 Progetti fil-Lokal**

3.14.1 Progett quddiem il-Kappella tal-Maddalena: Wara li s-Sindku gie avvicinat minn raprezentat mill-Ministeru tal-Ekonomija fejn urew ix-xewqa li jsir progett gewwa l-lokalita taghna, is-Sindku propona sabiex naccettaw l-offerta li tikkonsisti f'zona ta' rihibilatazzjoni.

3.14.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

3.14.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.14.4 Gardin Joseph Farrugia: Wara li f'lahhar laqgha s-Sindku kien spjega li l-Ministeru tat-Turizmu kien ser jghin fit-tisbih ta' da nil-gnien, liema tisbih jikkonsisti f'passagg bic-cangatura, thawwil ta' sigar u hedging, gejna infurmati li dan ix-xghol ma kienx ser ikun possibbli. Ghaldaqstant is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex nilqghu offerta simili mill-Misteru tal-Infrasturuttura U progetti kapitali u dan ix-xoghol isir skond il-proposta tal-Kunsill lokali.

3.14.5 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

3.14.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagmenti**

3.15.1 Is-Sindku Raymond Schembri pprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Dok. 2 sa Dok. 3)**

3.15.2 Il-pagamenti tal-Kuntrattur Wm Env Ltd tas-Soft Areas ma ghaddewx ma din il-laqgha dan ghaliex iridu jigu rriveduti.

3.15.3 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

3.15.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.16** **Mozzjonijiet**

3.16.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**3.17** **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

3.17.1. Il-laqgħa ntemmet fis-19.50 u ġiet aġġornata ghat-23 ta' Marzu, 2021 fil-17.00.

3.17.2. Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

3.17.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

Konfermati, illum 23 Ta' Marzu, 2021

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Raymond Schembri | Shawn Tanti |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |